

31994D0085

17.2.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 44/31

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tas-16 ta' Frar 1994****li tħejji lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' laħam frisk tat-tjur**

(94/85/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/494/KEE tas-26 ta' Ġunju 1991 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jir-regolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi u importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta' laħam frisk tat-tjur ⁽¹⁾, kif emendata bid-Direttiva 92/116/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tagħha,

Billi l-pajjiżi elenkati fl-Anness li jinsab ma' din id-Deċiżjoni li tradizzjonalment jissupplixxu lill-Istati Membri, ġew mitluba biex juri, permezz tal-provvista ta' assigurazzjonijiet bil-miktub sostnuti b'dokumentazzjoni xierqa jew bħala riżultat ta' spezzjonijiet fuq il-post, li huma jissodisfaw il-ħtiġiet tal-Komunità;

Billi dawn l-assigurazzjonijiet għandhom ikunu eżaminati mill-Kumitat Permanenti Veterinarju;

Billi din il-lista tapplika mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/342/KEE ⁽³⁾ li tippreskrivi l-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' pajjiżi terzi fir-rigward ta' l-influenza avjana u l-mard Newcastle;

Billi jista' jkun ukoll meħtieġ li f'ċerti każi jiġu speċifikati l-partijiet ta' pajjiżi li minnhom l-importazzjonijiet ikunu awtorizzati;

Billi din il-lista tista' tiġi emendata f'kull żmien biex tagħti kont ta' informazzjoni ġdida jew sitwazzjonijiet ġodda; billi l-elencar ta' xi

pajjiż jista' jiġi rivedut f'kull żmien meta aktar informazzjoni, b'mod partikolari li tirriżulta minn spezzjonijiet fuq il-post, tindika li l-kondizzjonijiet fil-pajjiż terz konċernat jistgħu jkunu nbidlu jew li informazzjoni riċevuta qabel kienet inkompleta, ineżatta jew inakkurata;

Billi, għalkemm il-lista ta' pajjiżi terzi tiffirma l-bażi ta' l-arranġamenti tal-Komunità applikabbli għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi preskritta fid-Direttiva 91/494/KEE, miżuri oħra, partikolarment li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa ta' l-annimali, il-pjanijiet residwi u ċ-ċertifikazzjoni għandu jingħata kont tagħhom sabiex tinkiseb armonizzazzjoni kompleta tal-kondizzjonijiet għall-importazzjoni ta' laħam frisk tat-tjur;

Billi, sakemm tiġi adottata mill-Kummissjoni iċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali għall-importazzjoni ta' laħam frisk tat-tjur mill-pajjiżi speċifikati f'din il-lista, l-Istati Membri jistgħu jibqgħu japplikaw, ma' l-importazzjoni, il-ħtiġiet tagħhom tas-saħħa ta' l-annimali fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' laħam frisk tat-tjur skond il-lista fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 1994.

⁽¹⁾ ĠU L 268, ta' 1-24.9.1991, p. 35.

⁽²⁾ ĠU L 62, ta' 15.3.1993, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 137, ta' 8.6.1993, p. 24.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Frar 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Kodiċi ISO	Pajjiż	Laħam frisk tat-tjur	Kummenti speċjali
AR	Arġentina	×	
AT	Awstrija	×	
AU	Awstralja	×	
BG	Bulgarija	×	
BR	Brażil	×	
CA	Kanada	×	
CH	Żvizzera	×	
CL	Ċili	×	
CY	Ċipru	×	
CZ	Repubblika Ċeka	×	
FI	Finlandja	×	
HU	Ungerija	×	
IL	Israel	×	
MY	Malażja	×	Peninsular (Punent) Malażja biss
NO	Norveġja	×	
NZ	New Zealand	×	
PL	Polonja	×	
RO	Rumanija	×	
SE	Sveżja	×	
SK	Slovakja	×	
TH	Tajlandja	×	
US	Stati Uniti ta' l-Amerika	×	
UY	Uruguay	×	
ZA	Afrika ta' Isfel	×	
ZW	Zimbabwe	×	